**5 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Maria Carmela Casha bħala prokuratriċi ta' l-imsiefer Michael Casha

*versus*

Albert Mizzi u Joseph Debono Grech bħala diretturi tal-kumpanija "*Mediterranean Oilfield Services Limited*" u in rappreżentanza ta' l-istess u din il-kumpanija in rappreżentanza tad-ditta estera "*Global Marine*".

## Klawsola Arbitrali - Klawsola Kompromissorja - Rinunzja Silenzju

*L-attur talab ħlas ta' xi spejjeż ta' vjaġġ li għamel in konnessjoni max-xogħol u aġixxa quddiem il-Qorti Ordinarja. Ġie eċċepit illi a tenur tal-kuntratt ta' l-impjieg, l-attur messu rrefera t-talba għall-Arbitru u għalhekk l-azzjoni kienet intempestiva. L-attur issottometta illi kien kiteb lill-konvenuti darbtejn mingħajr ma ħa risposta u għalhekk dan kien rinunzja taċita għall-klawsola arbitrali. L-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari bħala li jammonta għal rinunzja.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriflettiet illi ma setgħetx tara kif nuqqas ta' risposta tal-kumpanija konvenuta appellanti jista' jiġi interpretat bħala rinunzja għall-klawsola kompromissorja. Fi kwalunkwe każ, ir-rinunzja trid tkun ċara u univoka u s-silenzju waħdu meta mhux akkompanjat ma' xi ħaġa oħra, ma jistax jiġi interpretat bħala rinunzja.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fil-Qorti tal-kummerċ li bih l-attriċi *nomine*, wara li ppremettiet illi b'kuntratt iddatat 23 ta' April, 1980 (kopja Dokument B) il-kumpanija "*Mediterranean Oilfield Services Company Limited*" impjegat lill-Michael Casha biex jaħdem bħala *roustabout* fuq l-*oilrig* "*Glomar Semi I*" għad-ditta estera "*Global Marine*", illi skond il-klawsola numru sitta (6) ta' l-istess kuntratt il-kumpanija konvenuta kienet obbligat ruħha li tħallas l-ispejjeż tal-vjaġġ minn Malta għall-post tax-xogħol u lura, illi fil-25 ta' Diċembru, 1980 Michael Casha rritorna lura Malta minn Biarritz fejn kien qiegħed jaħdem u sussegwentement mis-salarju tiegħu ġie mnaqqas l-ammont ta' mija u ħmistax-il lira Maltija u ħamsin

ċentezmi (Lm115.50) rappreżentanti il-passaġġ minn Biarritz għal Malta u illi l-kumpanija konvenuta ma kellha ebda dritt skond il-kuntratt ta' impjieg li tnaqqas is-somma fuq imsemmija, talbet li din il-Qorti (1) tiddikjara li l-konvenuti *nomine* ma kellhom ebda dritt skond il-kuntratt ta' l-impjieġ li jnaqqsu mis-salarju ta' Michael Casha l-ammont tal-passaġġ minn Biarritz għal Malta (2) tikkundannahom iħallsu lill-attriċi *nomine* is-somma ta' mija u ħmistax-il lira Maltija u ħamsin ċenteżmi (Lm115.50c) mnaqqas mis-salarju ta' Michael Casha u rappreżentanti l-valur tal-passaġġ minn Biarritz għal Malta, bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hi intempestiva u l-konvenuti għandhom jiġu lliberati *ab observantia* billi l-attur ma setax jippromuovi din l-istanza qabel ma jeżawrixxi t-talba għall-Arbitru skond kif maħsub fil-klawsola 14 tal-kuntratt ta' impjieg, illi sekondarjament l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2252(c) tal-Kadiċi Ċivili, u illi fil-meritu t-talba attriċi hi infondata skond kif stabilit fil-klawsola 6 ta' l-istess kuntratt ta' impjieg, - salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-10 ta' Jannar, 1984 li biha ddeċidiet li tirrespinġi l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ddeċidiet ukoll li l-kwistjoni ta' l-ispejjeż inkorsi ma' dan il-ġudizzju tibqa' riservata għall-finali ġudizzju u ddiferriet l-kawża għall-kontinwazzjoni għall-21 ta' Frar, 1984 wara li kkunsidrat:

Fil-fatt l-attur esebixxa bħala Dok. B a fol. 7 tal-proċess kopja tal-kuntratt eżistenti bejn il-kontendenti. Skond il-klawsola nru. 14 ta' l-imsemmi kuntratt hemm miftiehem bejn

il-partijiet "*in the event that this agreement is required to be interpreted by third parties, the laws of Malta shall be applied to such interpretation. Any claim or dispute under this Agreement shall be referred to an Arbitrator having legal qualifications, mutually agreed upon by parties herein. In case of a dispute between the parties herein. In case of a dispute between the parties as to the choice of Arbitrator, each party shall choose its own Arbitrator and these shall choose between them an independent Arbitrator to act as Chairman. The Arbitrator and/or Chairman's decision, whichever the case, is final and cannot under no circumstances be challenged*";

L-attur esebixxa żewġ ittri li hu kien bagħat lill-konvenuti *nomine* in konnessjoni mal-pretensjoni tiegħu u dawk jinsabu a fol. 19 u 27 tal-proċess. L-ewwel waħda li ntbagħtet hija dik Dok. XX(fol. 27). din intbagħtet fl-10 ta' Marzu, 1981. Skond din, l-attur irrifera għall-pretenzjoni tiegħu u talab lill-konvenuti jinfurmawh x'kien bi ħsiebhom jagħmlu. Skond Dok. D l-ittra l-oħra tas-17 ta' Ġunju, 1981, wara li rrifera għall-ittra preċedenti fejn talab lill-konvenuti *nomine* iħallsuh is-somma pretiża huwa talab jinurmawh x'kien bi ħsiebhom jagħmlu u li jekk fil-każ riedu jikkontestaw it-talba kinux disposti li jmorru arbitraġġ. Biex jiġu stabbiliti l-fatti mill-ewwel, ta' min josserva li Michael Casha irritorna lura Malta fil-25 ta' Diċembru, 1980 minn Biarritz u l-Lm115.50c jirrigwardaw il-prezz ta' dan il-vjaġġ. L-ewwel ittra mill-attur intbagħtet kważi tliet xhur wara, u ċjoè fl-10 ta' Marzu, 1981 u t-tieni fis-17 ta' Ġunju, 1981, kważi tliet xhur oħra wara. M'hemmx kontestazzjoni dwar dawn il-fatti. Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-konvenuti *nomine* ma rrispondewx l-ittri mibgħuta lilhom mill-attur, anqas meta dan staqsihom ċar u tond kinux qegħdin jikkontestaw il-pretensjoni tiegħu u għalhekk talabhom biex imorru arbitraġġ;

Il-kontestazzjoni vera bejn il-partijiet riferibilment għall-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-konvenuti qiegħda fil-fatt li waqt li l-attur jippretendi li billi kiteb lill-konvenuti *nomine* darbtejn u dawn ma rrispondewhx la rigward it-talba għall-ħlas u anqas meta talabhom jinfurmawh jekk ridux jikkontestaw il-pretenzjoni tiegħu, u għalhekk kienu jmorru arbitraġġ, allura jiġi li huwa taċitament irrinunzja għall-effetti tal-klawsola arbitrali - il-konvenuti jippretendu li ma kienx hemm tali rinunzja taċita għall-istess. Infatti l-konvenuti qegħdin jippretendu li l-attur anke taħt iċ-ċirkostanzi fuq imsemmija ma eżawriex it-talba għall-arbitru skond kif maħsub fl-Art. 14 tal-kuntratt u kien messu aġixxa kontra l-konvenuti *nomine* biex il-Qorti tiffissalhom terminu għan-nomina ta' l-Arbitru;

Il-konvenuti *nomine* ma jaqblux ma' dak li jippretendi l-attur rigward ir-rinunzja taċita u dan bħala desunt mill-fatt li l-konvenuti ma rrispondewx l-ittri li bagħtilhom l-attur. Skond l-istess is-skiet tal-konvenuti f'dan ir-rigward seta' biss jiġi ssorvolat b'adozzjoni ta' proċedura oħra diversa minn dik użata. Fin-nota ta' osservazzjoni tagħhom l-istess irriferew lill-Qorti għall xi deċiżjonijiet mogħtija f'każijiet simili għal din minn dawn il-Qrati. Fost dawn insibu "Edward Rizzo -*vs*- Major Arthur D. Abbott" (Vol. XXXVI Pt.2). Bħal ma qalu sentenzi oħra ta' dawn il-Qrati f'każijiet simili "*an arbitration agreement entails want of jurisdiction in the Court.*" Fil-fatt dan hu fatt aċċettat anke mill-parti l-oħra, kif ukoll huwa fatt li tali eċċezzjoni għandha tingħata "*in limine litis*" inkella tiġi kkonsiderata bħala li ġiet irrinunzjata mill-parti li kienet f'pożizzjoni li tagħtiha. Is-sentenza fuq ċitata mill-konvenut stess fin-nota tiegħu però ma qalitx biss li l-eċċezzjoni *de quo* tammonta għal nuqqas ta' ġurisdizzjoni però baqgħet sejra aktar 'il quddiem. *Di fatti* għamlet distinzjoni bejn dak li sejħitlu

"*absolute want of jurisdiction*" u dawk li huma drittijiet privati tal-partijiet "*the arbitration clause contained in the Tender - ommissis - were to be tantamount to be arbitration agreement this would entail want of jurisdiction in this court; but unlike the case of absolute want of jurisdiction based on territorial reasons, which it would be the Court's duty to raise of its own motion, the said clause affects only the private interests and rights of the parties; to which each of them may renounce expressly or tacitly on the strength of the aforism 'unicuique licet juri pro se introducto renuntiare*' " (*Vide* anke *Law Reports* Vol. XXIV - 1-1067). Fil-kawża li għaliha qed issir riferenza l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni simili għal dik in eżami għaliex fil-fehma tagħha kien hemm da parti tal-konvenut rinunzja taċita. Fil-fatt però f'dan il-każ din l-eċċezzjoni ma ngħatatx '*in limine litis*', però l-Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha u rrespinġiet l-eċċezzjoni għal żewġ raġunijiet: "*(a) No mention whatsoever was made by defendant in his two statements of defence; (b) no objection was raised by defendant to the appointment of the referee, whose terms of reference were to enquire into the report on the correctness or otherwise of plaintiff's submissions in accordance with the documents produced, amongst others those respecting the number of trucks of scrap iron carried under the contract*";

Il-fatti tal-kawża l-oħra iċċitata aktar il fuq u ċjoè "Michele Zammit *et vs.* Gennaro Civitelli" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Novembru, 1920 huma ftit jew xejn differenti minn dawk li fuqhom qed issir il-kawża odjerna. Infatti din il-Qorti ta' l-Appell kienet irrispinġiet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-konvenut u kienet ikkonfermat is-sentenza appellata. Għal dak li jinteressa l-eżitu ta' din il-kawża jingħad li l-partijiet kienu ftehmu li kwalunkwe kwistjoni li tinqala' rigward il-merkanzija msemmija fil-*Bill of Lading* '*de quo*' kellha tiġi deċiża mhux

mit-tribunali tagħna iżda minn dawk ta' Palermo. L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ma ngħatatx fl-ewwel stadju u kwindi l-Qorti kienet irriteniet li l-effetti tal-klawsola '*de quo*' kienu ġew rinunzjati mill-konvenut u dan ma kienx każ ta' '*absolute want of juristdicion*' kif ġie msemmi aktar 'il fuq;

Kien kemm każijiet oħra fejn il-Qrati tagħna kienu asserew il-validità tal-ġurisdizzjoni tagħhom *nonostate* l-klawsola li kienet tagħti ġurisdizzjoni esklusiva lit-tribunal estern u dan peress li l-fatti li kellhom jiġu stabiliti ġraw Malta. L-attur fin-nota responsiva tiegħu ċċita dawk ikkontenuti f'Vol. XXXIII.III.474 Bonello vs Mizzi u Vol. XXI. 71 Pace vs Civitelli. Kwindi jidher li l-pożizzjoni fil-liġi tagħna dwar il-punti ssollevati hija li f'kaz ta' "*absolute want of jurisdiction based on territorial reasons*" il-partijiet ma jistgħux jirrinunzjaw għall-ġurisdizzjoni iżda f'każijiet oħra fejn hemm il-klawsola arbitrali u din tkun teffettwa biss l-interessi privati u drittijiet tal-partijiet, dawn jistgħu jirrinunzjaw għaliha kemm espressament kif ukoll taċitament u dan a tenur tal-prinċipju "*unicuique licet juri pro se introducto renuntiare*". L-eċċezzjoni "*de quo*" trid tingħata "*in limine litis*" inkella l-parti li tagħtiha aktar tard għandha tiġi kkunsidrata bħala li rrinunzjat għaliha. L-attur f'din il-kawża qed jissottometti li l-konvenut irrininzja għal din l-eċċezzjoni billi huwa ma qajjimhiex fil-bidunett meta rċieva l-ittra ta' l-attur;

Fil-fatt fl-ewwel ittra l-attur wara li sostna li ma kellu ebda ħtija fit-terminazzjoni ta' l-impjieg u nsista li kellu jieħu Lm115.50c għar-raġunijiet aktar 'il fuq imsemmija u *di più* talab lill-konvenuti jinformawh bl-intenzjoni tagħhom. Bit-tieni huwa mar pass aktar 'il quddiem u staqsiehom kinux bi ħsiebhom jikkontestaw it-talba tiegħu jew kinux disposti jmorru arbitraġġ.

Għad li għaddew kważi sitt xhur minn meta oriġinat il-pretenzjoni ta' l-attur, il-konvenuti ma rrisponewh xejn la għall-ewwel ittra u anqas għat-tieni waħda. M'hemmx ebda dubju li l-klawsola arbitrali f'dan il-każ teffettwa biss l-interess personali tal-kontestanti u għalhekk mhux ċertament każ li jista' jiġi kkunsidrat bħala wieħed ta' "*absolute liabaility*". Kwindi f'dan il-każ il-partijiet setgħu jirrinunzjaw għaliha. Ċertament lanqas l-attur ma jirritjeni li hemm xi rinunzja espressa. Għalhekk wieħed irid jeżamina s-skiet da parti tal-konvenuti f'hiex jammonta. Fil-każ in eżami l-attur bagħat jinfurmahom espressament lill-konvenuti jekk ridux imorru arbitraġġ. Fil-fehma ta' l-attur kif ukoll ta' din il-Qorti, is-skiet da parti tal-konvenuti ma jistax ifisser mod ieħor ħlief rinunzja għall-imsemmija klawsola għaliex fuq kollox il-kuntratt kien jorbot lit-tnejn u kwindi l-Qorti ma għandhiex tagħti interpretazzjoni lill-kuntratt fis-sens li din il-klawsola qiegħda biss biex torbot lill-attur. Il-konvenuti skond il-klawsola 14 għandhom ċerti obbligi wkoll. Infatti skond l-istess, il-partijiet obbligaw rwieħhom li kull kwistjoni li tinqala' tiġi rriferita lill-arbitru, li għandu kwalifiki legali. Għalhekk mingħajr il-kunsens u ko-operazzjoni tat-tnejn ma tistax, ebda kwistjoni tiġi hekk riferita. L-attur fil-fatt talab lill-konvenut biex jinfurmawh jekk iridux jikkontestaw u jmorru arbitraġġ, iżda dawn għoġobhom li ma jirrispondux. Dan is-silenzju fil-fehma tal-Qorti jista' jfisser biss li kienu rrinunzjaw għall-effetti ta' l-imsemmija klawsola. Interpretazzjoni oħra ma tistax tingħata għaliex lanqas jistgħu il-konvenuti, l-ewwel jiġu mitluba biex imorru arbitraġġ u ma jirrispondux, u wara meta l-parti l-oħra ma jkunx fadlilha għażla ħlief li tistitwixxi azzjoni, jeċċepixxu li l-ewwel l-attur kellu bil-fors iressaq il-kwistjoni quddiem arbitru li huma stess ma ressqux biex jaqblu fuqu *ai termini* tal-klawsola 14. It-tieni paragrafu ta' l-istess klawsola jiddisponi *del resto* anke dwar

in-nomina ta' artibru meta ma jaqblux fuqu l-partijiet u kwindi għalhekk kull parti trid tinnomina wieħed imbagħad iż-żewġ arbitri jagħżlu wieħed huma stess. Dak li hemm dispost fil-klawsola 14, huwa biex il-partijiet flimkien u bl-għażla tagħhom jirrisolvu l-kwistjoni ta' bejniethom biex ma jmorrux il-Qorti. It-triq li għażlu l-konvenuti ma tikkombaċjax ma' l-ispirtu ta' l-istess klawsola u b'hekk wasslet biss biex il-partijiet jidħlu l-Qorti kif fil-fatt ġara. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel eċċezzjoni ssolevata mill-konvenuti ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti *nomine* tas-17 ta' Jannar, 1984 li biha ġie interpost appell mill-imsemmija deċiżjoni;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti *nomine* ppreżentata fit-23 ta' Jannar, 1984 li biha talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u tiddikjara li l-istanza hija intempestiva a tenur tal-klawsola 14 tal-kuntratt ta' l-impjieġ u tillibera għalhekk lill-appellant *nomine ab observantia* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-attriċi *nomine* tas-6 ta' Frar, 1984;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell jistgħu jiġu

kkompendjati b'dan il-mod: l-attur appellant kien ġie impjegat mill-kumpanija konvenuta appellanti taħt il-kondizzjonijiet indikati fil-ftehim iddatat 23 ta' April, 1980 u eżebit bħala Dok. B (fol. 7 tal-proċess). Fost dawn il-kondizzjonijiet hemm il-konduzzjoni Nru. erbatax (14) li tgħid *inter alia* "*Any claim or dispute under this Agreement shall be referred to an Arbitrator having legal qualifications mutually agreed upon by parties herein.*" L-attur appellant qed jippretendi li l-kumpanija konvenuta appellanti ma kellhiex dritt tnaqqas mis-salarju tiegħu l-ammont tal-passaġġ tiegħu minn Biarritz għal Malta u qed jitlob li l-kumpanija konvenuta appellanti tiġi kkundannata tħallsu dak l-ammont. Min-naħa tagħha l-istess kumpanija konvenuta appellanti eċċepiet preliminarjament (fol. 12) illi l-azzjoni hija intempestiva u għandha tiġi lliberata *ab observantia* billi l-attur appellant ma setax jippromuovi din l-istanza qabel ma jeżawrixxi t-talba għall-arbitru skond il-klawsola 14 fuq imsemmija. L-ewwel Qorti ma aċċettatx din l-eċċezzjoni u l-kumpanija konvenuta appellanti qiegħda issa tappella minn din id-deċiżjoni;

Ikkunsidrat:

Ma jistax ikun hemm kwistjoni bejn il-kontendenti illi l-eċċezzjoni fuq imsemmija ġiet issollevata *in limine litis.* Kif jidher min-nota ta' l-eċċezzjonijiet, l-imsemmija eċċezzjoni ġiet sollevata preliminarjament u l-ewwel waħda, u, kif jidher mill-proċess, il-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom fuqha sakemm ġiet deċiża mingħajr ma daħlu f'ebda kwistjoni oħra. Skond il-ġurisprudenza u dottrina kostanti (Qorti tal-Kummerċ, Cutajar vs Mamo *noè*, 18 ta' April, 1961, Onor. Imħallef J. Gouder, Kolez. Dec. Vol. XLV-III-787 u 789) jekk eċċezzjoni simili ma tiġix eċċepita qabel kull difiża u jekk tiġi aċċettata

d-diskussjoni fil-meritu, għandu jiġi intiż, bi preżunzjoni assoluta, li l-istess eċċezzjoni ġiet rinunzjata. Fil-każ preżenti għar-raġunijiet fuq esposti ma jistax jingħad li kien hemm din ir-rinunzja;

L-attur appellant kif rappreżentat f'din il-kawża però qiegħed jippretendi li kien hemm din ir-rinunzja qabel ma beda l-proċeduri odjerni billi l-kumpanija konvenuta appellanti ma kinitx irrispondiet għall-ittri tiegħu interrpellatorji bonarji li kien bagħat qabel ma istitwixxa l-kawża. Fil-fatt ġew eżebiti żewġ ittri bonarji mibgħut mill-attur appellant permezz tad-difensur tiegħu - waħda ddatata 10 ta' Marzu, 1981 (fol. 17) u l-oħra 17 ta' Gunju, 1981 (fol. 19). Fl-ewwel ittra indirizzata lill-kumpanija konvenuta l-attur appellant sostna li huwa ma kellu l-ebda ħtija fit-terminazzjoni ta' l-impjieg tiegħu u nsista għall-ħlas ta' l-ammont fuq imsemmi u talab lill-kumpanija konvenuta appellanti informazzjoni dwar l-intenzjoni tagħha. Fit-tieni itttra indirizzata lill-*Manager* ta' *Medserv Co. Ltd.* l-attur appellant għamel riferenza għall-ittra tal-10 ta' Marzu, 1981 li għaliha ma kienx irċieva risposta u qal li kien dovut lilu ukoll in-*notice money*. Fl-istess tieni ittra l-attur appellant talab lill-*Manager* ta' *Medserv Co. Ltd.* li jikkomunika mal-persuni kkonċernati tad-ditta *Global Marine* (id-"*drilling company*") li għaliha kellu jaħdem skond il-ftehim mal-kumpanija konvenuta appellanti sabiex jgħidulu x'beħsiebhom jagħmlu u jekk fil-każ li jridu jikkontestaw it-talba tiegħu, kienu disposti li morru arbitraġġ;

Il-Qorti ma tarax li n-nuqqas ta' risposta tal-kumpanija konvenuta appellanti għall-imsemmija żewġ ittri jista' jiġi interpretat bħala rinunzja għall-klawsola kompromissorja fuq imsemmija. L-ewwel ittra hija miktuba f'termini ġenerali u ma tagħmel l-ebda riferenza għall-istess klawsola. It-tieni ittra hija

indirizzata lill-kumpanija *Medserv Co. Ltd.* li ma ġiex ippruvat lill-Qorti li hija l-istess kumpanija li mpjegat lill-attur appellant *stante* li dana mill-iskrittura fuq imsemmija jidher illi ġie impjegat mill-kumpanija "*Mediterranean Oilfield Services Limited.*" *Di più* l-attur appellant talab risposta, *tramite* l-imsemmija kumpanija *Medserv Co. Ltd.*, mid-ditta *Global Marine* jekk dina kinitx disposta tmur arbitraġġ meta l-fteheim ta' l-attur appellant, kif diġa' ngħad, kien mal-kumpanija konvenuta *Mediterranean Oilfield Services Limited.* Diffiċli għalhekk li wieħed jifhem kif in-nuqqas ta' risposta għal din it-tieni ittra mill-kumpanija konvenuta appellanti jista' jiġi interpretat bħala rinunzja għall-klawsola arbitrali da parti tagħha. Fi kwalunkwe każ, ir-rinunzja trid tkun ċara u univoka u s-silenzju waħdu, meta mhux akkoppjat ma' xi ħaġa oħra, ma jistax jiġi interpretat bħala li jammonta għal rinunzja;

Il-Qorti għalhekk tirritjeni li l-attur appellat kien marbut bl-imsemmija klawsola meta għamel il-kawża preżenti u jmissu semmai pproċeda mod ieħor. L-imsemmija klawsola dderogat għall-ġurisdizzjoni ordinarja u l-attur appellant messu ddeferixxa l-kwistjoni għall-arbitru kif kien miftiehem jew ħa passi legali għal dan l-iskop salvi r-rimedji ġudizjarji wara li jsir dan, u f'dan is-sens l-azzjoni kienet intempestiva;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-deċiżjoni appellata, tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-konvenuti appellanti *nomine* u tilliberahom *ab observantia.* L-ispejjeż, sija ta' l-ewwel instanza kif ukoll ta' din l-istanza, jitħallsu mill-attriċi appellata *nomine.*